Office of the Commissioner
for Animal Welfare

# Rapport ta' Investigazzjoni dwar qattusa li jisimha "Masha", u li kellha n-numru tal-"Microchip" 900108000421778. Hija kienet tgħix fi Triq Melita l-Belt Valletta.

L-25 ta'Mejju 2016

## Kif sar ir-Rapport lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

Fid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kienu daħlu xi rapporti verbali minn xi nies mhumiex magħrufa bejn is-17 u t-18 ta' Mejju 2016, rigward l-għejbien tal-qattusa **Masha** (lewn tal-Madonna) li ta' kuljum kienet tkun fi Triq Melita l-Belt Valletta. Fl-20 ta'Mejju 2016 persuna oħra wkoll għamlet rapport lid-Direttorat rigward l-għejbien ta'din il-qattusa u ħalliet in- numru tat- telefown tagħha mal uffiċċjal tad-Direttorat li kellimha biex jekk din tinstab tiġi ikkuntattjata.

Fl-20 ta' Mejju 2016 fil-11.05 ta' filgħodu wkoll, il-Kuntistabbli Mara tal-Pulizija Numru 346, li dak il-ħin kienet il-Belt Valletta qrib l-Ambaxxata Franċiża, għamlet telefonata lill-Uffiċjali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali sabiex tinfurmahom illi fi Triq Melita kien hemm qattusa fl-art. Hi kienet tidher muġugħa ħafna u ma tiflaħx timxi, u għalhekk kien hemm il-bżonn li tiġi l-ambulanza fuq il-post.Dak il ħin iż-żewġ uffiċjali li kienu xogħol bl-ambulanza kienu s-Sur Gerald Ebejer u s-Sur John Mifsud. Huma kienu fuq biċċa xogħol fi Triq Palma, Raħal Ġdid, u minn hemm marru għal Triq Melita fil-Belt Valletta biex jassistu fuq dan il każ. Fuq il-post huma waslu f'11.40am. Hemmhekk sabu wkoll lill-Kuntistabbli tal-Pulizija msemmija tistenniehom sabiex turihom fejn kienet il- qattusa.

## L-intervent mill-Uffiċjali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

Fir-rapport li sar mill-uffiċjali msemmija, il-qattusa kienet tidher illi ttajret minn xi vettura għax kienet ipparalizzata minn saqajha ta' wara. Meta ġew mistoqsija minni, "fejn instabet il-qattusa?" dawn l- uffiċjali qablu li din instabet fuq għatba ta' bieb u ma setgħetx tiċċaqlaq. Meta tpoġġiet f'gaġġa apposta sabiex tinġarr għall-klinika veterinarja, il-ħin kien il-11.52 minuta ta' filgħodu.

## Il-Wasla tal-Qattusa fil-Klinika Veterinarja u ċ-Ċertifikat Mediku mill-Veterinarju

In numru fuq il-formola tar-rapport mediku tal-annimal (qattusa) huwa 13371585. F'dan ir-rapport kien hemm bil-miktub mill-Veterinarju ta' klinika privata l-kundizzjoni li kienet tinsab fiha kif waslet il-qattusa għandu. Iċ-ċertifikat mediku jgħid li din kienet dgħajfa ħafna u mixruba, tant illi kienet nieqsa mill-ilma, bis-sinsla ta' dahra maqsuma, tagħmel dijareja bid-demm, u pożittiva għall-F.I.V.



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320

Dan kollu kkonfermah il-Veterinarju, meta kellimtu bit-telefown nhar l-24 ta’ Mejju 2016 fl-9.40 ta’ filgħodu. Għalhekk huwa ma kellux triq oħra x’jagħżel għajr li Masha ma titħalliex aktar tbati, u tingħata dik l-injezzjoni speċifika biex ħajjitha tintemm.

## L-Investigazzjoni

Fl-24 ta’ Mejju 2016 fil-11.00 ta’ filgħodu jiena ċempilt lill-persuna li kienet tieħu ħsieb din il-qattusa biex inkellimha fuq il-każ. Hija wriet ix-xewqa li trid tara r-ritratt tagħha li għedtilha li għandi kopja fil-fajl. Meta ġiet l-uffiċċju tiegħi flimkien ma’ persuna oħra jiena għamilt kuntatt bit-telefown mal-Kuntistabbli tal-Pulizija Mara msemmija fil-każ, fis-1.15 ta’ wara nofsinhar. Waqt it-telefonata li kienet ukoll fuq l-“ispeaker” semgħu x’kellha xi tgħid, u kien ikkonfermat ir-rapport li sar minnha dakinhar biex tiġi l- ambulanza u l-qagħda li kienet instabet fiha din il-qattusa. Il-persuna ilmentat miegħi li min-naħa tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali hija kellha tiġi avżata meta nstabet din il-qattusa billi hija u nies oħra kienu avżawhom li jekk din tinstab iċemplulhom, speċjalment qabel tittieħed id-deċiżjoni mill-Veterinarju Privat li kellha tintemmilha ħajjitha. Hija kompliet tgħid li din il- qattusa kellha l-“microchip” ukoll.

**Ir- ritratt meħud mill-uffiċjal għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Dan qed juri l-qattusa Masha kif ukoll ir-reġistrazzjoni tad-data u l-ħin meta din tpoġġiet fl-ambulanza tal-annimali.**






Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320

**Konklużjoni**

**Mill-investigazzjoni li għamilt, meta tkellimt ma' dawk kollha involuti b'xi mezz fuq dan il-każ tal-qattusa Masha, u qrajt dokumenti uffiċjali relatati, kollox jindika li l-uffiċjali għat-Trattament Xieraq tal-Annimali mxew mar-regoli stabbiliti mid-Direttorat fejn jidħol is-salvataġġ tal- annimali. Rigward il-"microchip" illi kellha l-qattusa, ma setax jiġi identifikat sidha (propju), billi f'Malta għad ma hawnx regolamenti bil-liġi biex il-qtates jiġu kollha reġistrati fid-"Data Bank" tad-Dipartiment tal-Veterinarji u Servizzi, iżda, ġaladarba fid-Direttorat daħal ukoll rapport minn dik il-persuna msemmija aktar qabel li ħalliet in- numru tat-telefown tagħha biex din tiġi kkuntattjata, bla dubju, dan kien nuqqas. Din Il- persuna msemmija li ħalliet in- numru tat-telefown tagħha kompliet tgħidli li hija kienet infurmata biss minn impjegat fid-Direttorat fuq każ ieħor fil- Belt, imma fuq din il- qattusa Masha infurmawha biss wara li l- Veterinarju temmilha ħajjitha. Hawnhekk setgħa kien hawn aktar koordinazzjoni aħjar u din il-persuna fid- Direttorat kellha taġixxi mill- ewwel u tiġi kkuntattjata tali persuna bla telf ta'ħin.**

**Rakkomandazzjonijiet**

**A: fid-Direttorat għandu jinżamm rekord jew reġistru għall-annimali li jiġu rrappurtati mitlufa, kemm dawk li jintilfu u jkollhom il-"microchip" u kemm għal dawk illi ma jkollhomx. Fir-reġistru għandu jinkiteb in-numru tat-telefown,l- indirizz elettroniku jew xi kuntatt ieħor, u ssir komunikazzjoni ta dan ma kull uffiċċjal fid-Direttorat, biex tkun faċli u effiċjenti għal kulħadd meta jinqala' xi każ simili. Xi ritratt tal-annimal mitluf tajjeb ukoll illi jiġi mogħti lid-Direttorat minn min tilfu għax dan ikun ta' għajnuna kbira.**

**B, Ix-xogħol siewi tad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali kiber ħafna minn mindu twaqqaf disa' snin ilu, u jkun tajjeb illi tiġi kkunsidrata l-"microchip" fuq il-qtates ukoll bħala Regolament b'Liġi, sabiex dik id-Data tkun reġistrata uffiċjalment, u b'hekk jinstab sid il-qattus aktar malajr meta dan jintilef, jittajjar minn xi vettura jew jinsteraq.**

**Emanuel Buhagiar**
**Il-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali**



Commissioner for Animal Welfare Casa Leone 476, St.Joseph High Road St. Venera MALTA.SVR 1012.
Tel.23886320